**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Lulju, 2019

Rikors Numru: 128/19 AL

**A B**

Vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iż-żwieġ tagħhom fil-11 ta' Settembru 1999 fil-Knisja Parrokjali ta' San Bastjan, Ħal Qormi (ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A)
2. Illi l-esponenti tiddikjara illi minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifel D B li twieled fil-25 ta' Settembru 2002;

3. Illi l-kontendenti nfirdu legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Pubbliku Mark Zaffarese fil-25 ta' Frar 2016 (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B).

4. Illi pero' huma kienu ilhom separati 'de facto' mit-2 ta' Frar 2015;

5. Illi kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, filwaqt illi l-esponenti ddekadiet mid-dritt tagħha illi titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand żewġha, l-intimat irrinunzja d-dritt tiegħu illi jitlob u/jew jirċievi manteniment mingħand l-esponenti (vide artikoli 5 tal-istess kuntratt);

6. Illi fir-rigward tat-tifel D B l-esponenti tirrileva li hija dejjem ħallset puntwalment lill-intimat il-manteniment dovut għall-bżonnijiet ta' binha u dan ai termini tal-istess kuntratt (vide Artikolu 7) u arretrati m'hemmx;

7. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

8. Illi l-esponenti qegħda tannett affidavit tagħha li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. C;

9. Illi għalhekk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex meħtieġ illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet li l-intimat jgħid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, din il-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabilita' l-eżistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B,

tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat li permezz tagħha espona:

1. Illi, l-attriċi A B resqet talba quddiem din il-Qorti sabiex l-istess Qorti tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti, u konsegwentement tordna r-reġistrazzjoni tal-istess fir-Reġistru Pubbliku;

2. Illi, l-esponenti minkejja li fil-prinċipju huwa kontra d-divorzju, gialadarba l-attriċi intavolat l-imsemmi rikors, huwa ma joġġezzjonax għat-talba kif dedotta mill-attriċi;

3. Illi mill-kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejn il-partijiet, liema kuntratt kien ippublikat min-Nutar Dr. Mark Zaffarese nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), il-partijiet jaqbli li t-termini tal-istess kuntratt għandhom jibqgħu jseħħu u ma jistgħux jiġu modifikati lanqas b' xi sentenza jew digriet ta' divorzju (vide artikolu 30).

4. Illi, in vista tas-suespost, l-attriċi għandha l-obbligu li tħallas l-ammont ta' mitejn u għoxrin ewro (€220) kull xahar fil-konfront ta' binha D B li huwa minuri bħala obbligu impost fuqha mill-istess kuntratt (vide artikolu 7). Dan il-manteniment ta' binha għandu jibqa' jitħallas lill-attur sakemm dan jagħlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita' li D B jibqa' jistudja, fuq bażi full-time, wara li jilħaq l-eta' maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm huwa jagħlaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew skont il-liġi (vide artikolu 9 tal-istess kuntratt).

Għaldaqstant, l-esponenti ma joġġezzjonax għat-talba tad-divorzju mitlub mir-rikorrenti iżda umilment jitlob lil din il-Qorti jogħġobha tordna lill-attriċi tkompli tonora l-obbligi tagħha

imposti fuqha mill-kuntratt ta' separazzjoni billi tibqa' tħallas il-manteniment lil binha D B.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Marzu, 2019;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Frar, 2016 u ilhom de facto separati sa mit-2 ta' Frar 2015;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.